

**Brussell, 1 ta' Ottubru 2021  
(OR. en)**

**12174/21**

**SOC 536  
EMPL 390  
EDUC 309  
ECOFIN 887**

**NOTA**

---

minn:	Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Sfidi Soċjali Ewlenin: Messaġġi ewlenin mill-KPS abbażi tar-Rieżami Annwali tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali - Approvazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu l-messaġġi ewlenin abbażi tar-Rieżami Annwali tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali u l-iżviluppi fil-politiki ta' protezzjoni soċjali, kif iffinalizzati mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fl-21 ta' Settembru 2019, bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill (EPSCO) tal-15 ta' Ottubru 2019.

Ir-Rapport sħiħ jinsab fid-dokument 12174/21 ADD 1.

Il-Profil tal-Pajjiżi tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali annessi ma' dan ir-rapport jinsabu fid-dokument 12174/21 ADD 2-4.

## Messaġġi ewlenin

1. **Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) wettaq il-mandat tiegħu kif stipulat fl-Artikolu 160 TFUE u pproduċa għall-Kunsill ir-rieżami annwali tiegħu tas-sitwazzjoni soċjali fl-UE u l-iżviluppi tal-politika fl-Istati Membri**, abbażi tal-aktar data u informazzjoni reċenti disponibbli. Fuq din il-bażi, il-KPS jenfasizza s-sejbiet u l-prijoritajiet komuni li ġejjin, li għandhom jiggwidaw il-ħidma fit-tħejjija għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2022.

### *Titjib soċjali mifrux lejn tmiem id-deċennju kopert mill-Istrateġija Ewropa 2020 ...*

2. **Qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020, l-UE kienet qed tesperjenza perijodu ta' espansjoni ekonomika u tal-impjiegi stabbli**, li ppermettietliha tirkupra aktar mill-effetti negattivi tal-kriżi finanzjarja u ekonomika li laqtitha fl-2008-2009, u saħansitra tagħmel progress lil hinn minnha, bejn wieħed u ieħor hekk kif bdiet l-Istrateġija Ewropa 2020.
3. **Matul l-2019, l-ekonomija tal-UE kompliet tespandi** u l-impjiegi laħqu l-oġġla livell li qatt ġie rreġistrat, filwaqt li l-qgħad fl-UE, ta' 6.7 %, reġa' lura għal livelli li kienu ġew osservati l-aħħar qabel il-kriżi tal-2008.
4. Hekk kif l-impjiegi żdiedu b'mod qawwi, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-unitajiet domestiċi tal-UE, kif riflessa fl-introjtu gross disponibbli tal-unitajiet domestiċi (GHDI), kienet qed titjieb, li wassal għal **titjib mifrux f'ħafna mill-indikaturi soċjali l-oħra**. Dan inkluda tnaqqis fir-rata ta' deprivazzjoni materjali estrema, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni u r-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali tal-popolazzjoni ġenerali u għat-tfal f'ħafna Stati Membri. Madankollu, żidiet fir-riskju tal-faqar għal persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg u deterjorament fil-livell u l-persistenza tal-faqar f'ħafna Stati Membri wrew li xi aspetti tas-sitwazzjoni soċjali kienu għadhom notevolment agħar meta mqabbla mal-2008.

5. L-**għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali**, filwaqt li baqa' 'l bogħod mill-mira tat-tnaqqis tal-faqar stabbilita fl-istrateġija Ewropa 2020 ta' 20 miljun inqas persuni f'riskju, kompla jonqos, b'hekk qarreb l-10 miljun persuna inqas f'riskju fl-2019 meta mqabbel mal-2008 (jew qarreb it-12-il miljun inqas meta wieħed jeskludi ir-Renju Unit). Dan kien prinċipalment xprunat minn tnaqqis qawwi fl-għadd ta' persuni li esperjenzaw deprivazzjoni materjali severa u sa ċertu punt anqas fis-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjeg.

*... twaqqaf mit-tifqigħa tal-Covid 19*

6. L-iżviluppi pożittivi mifruxa fis-sitwazzjoni soċjali ġew **interrotti u mbagħad treġġgħu lura minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19** u l-miżuri ta' konteniment relatati adottati mill-Istati Membri biex jiġġieldu l-pandemija u jiproteġu l-ħajjiet u l-għajxien taċ-ċittadini tagħhom.
7. **Id-diversi restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet soċjali u ekonomiċi ħallew impatt sinifikanti fuq l-ekonomija tal-UE.** Il-PDG fl-Ewropa naqas b'6.0 % għall-2020 b'mod ġenerali, minkejja l-irkupru qawwi fl-ekonomija tal-Ewropa fit-tielet kwart tal-2020 meta r-restrizzjonijiet tnaqqsu matul is-sajf, qabel ma reġġu ġew introdotti biex irażżnu t-tieni mewġa tal-COVID-19.
8. Fl-istess perijodu, **l-impjegi naqsu moderatament meta mqabbla mat-tnaqqis fl-attività ekonomika, bi tnaqqis ta' 1.5 %** (li jirrappreżenta madwar 3 miljun persuna inqas f'impjeg) meta mqabbel mal-2019. Dan it-tnaqqis relattivament ħafif fl-impjegi kien dovut għall-kontribut qawwi tal-istabbilizzaturi awtomatiċi u għall-introduzzjoni massiva ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar mill-Istati Membri, uħud minnhom bl-appoġġ tal-UE permezz tal-*Appoġġ Temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza* (SURE), u miżuri simili oħra tas-suq tax-xogħol.

*Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali kienu l-fattur ewlieni ta' stabbilizzazzjoni għall-introjti tal-unitajiet domestiċi u ta' appoġġ għall-aċċess kontinwu għas-servizzi soċjali...*

9. **Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali kienu l-fattur ewlieni ta' stabbilizzazzjoni fl-appoġġ tal-introjti tal-unitajiet domestiċi, peress li l-benefiċċji soċjali, inkluż l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kellhom rwol ewlieni biex itaffu t-tnaqqis kumplessiv fl-introjtu tal-unitajiet domestiċi fl-2020.** L-aċċess għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali spiss ġie ffaċilitat temporanjament sabiex tiżdied l-effettività tas-sistemi fil-protezzjoni ta' dawk li tilfu l-impjieg jew l-introjtu tagħhom. Dan kien appoġġat sa ċertu punt anqas minn aġġustamenti fit-taxxi fuq l-introjtu u l-ġid u miżuri oħra ta' politika soċjali adottati rapidament.
10. Bħala rifless ta' dan l-impatt stabbilizzanti, filwaqt li huwa stmat li l-introjtu medjan mill-impjieg tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (18-64) naqas b'7.2% fl-UE meta mqabbel mal-2019, huwa stmat li l-introjtu medjan disponibbli tal-unitajiet domestiċi kif ukoll l-inugwaljanza ġenerali fl-introjtu u r-rata ta' riskju ta' faqar, baqgħu ġeneralment stabbli (skont l-istimi rapidi tal-Eurostat għall-introjti tal-2020), għalkemm b'varjazzjoni konsiderevoli f'pajjiżi differenti u fi gruppi ta' etajiet differenti.

*... iżda xorta waħda l-kriżi attwali laqtet aktar lil dawk li diġà kienu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.*

11. Minkejja r-rwol mitiganti tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, **il-kriżi attwali affettwat b'mod aktar qawwi lil dawk vulnerabbli** - inklużi dawk f'forom ta' impjieg prekarji jew mhux standard; lil persuni b'diżabbiltà u bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul (kif ukoll lil dawk li jieħdu ħsiebhom); lil ħaddiema iżgħar fl-età, li x'aktarx huma rrappreżentati żżejjed f'setturi milquta b'mod aktar qawwi mill-miżuri ta' tbeġid soċjali; lil familji u tfal f'pożizzjonijiet vulnerabbli; lil persuni mingħajr dar; lil migranti; u lil minoranzi etniċi. Il-persuni akbar fl-età b'mod partikolari, jew dawk b'kundizzjonijiet tas-saħħa sottostanti, ġew esposti b'mod partikolari għar-riskji tas-saħħa kkawżati mill-virus COVID-19. Barra minn hekk, in-nisa, li huma rrappreżentati żżejjed fis-setturi kritiċi tas-saħħa u tas-servizzi soċjali u b'mod partikolari fl-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed, kellhom ilaħħqu ma' żieda fl-ammont ta' xogħol u ta' responsabbiltajiet ta' kura matul il-kriżi.

12. Fl-2021, minkejja ċertu titjib fis-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tal-unitajiet domestiċi Ewropej, id-diffikultà finanzjarja<sup>1</sup> għadha partikolarment għolja għal dawk b'introjtu baxx, li jissuġġerixxi li **l-impatt finanzjarju tal-kriżi għadu jinħass ħafna aktar minn dawk li jinsabu fil-parti iktar baxxa tad-distribuzzjoni tal-introjtu**. L-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx spiss iffaċċaw aktar diffikultajiet matul il-pandemija, peress li huwa aktar probabbli li jgħixu f'kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni ffullati żżejjed jew ħżiena u li ma jkollhomx aċċess għall-internet mid-dar.
13. Minkejja l-impatt relattivament limitat tal-pandemija fuq is-sistemi tal-pensjonijiet fuq perijodu qasir, l-inugwaljanzi fl-introjtu fost il-persuni akbar fl-età jippersistu, bl-inugwaljanzi bejn il-ġeneri jsiru aktar evidenti fix-xjuħija. Wara għaxar snin ta' titjib, ma sar ebda progress biex jitnaqqas ir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali għall-persuni akbar fl-età fl-UE.

***Żviluppi li ġejjin:***

14. L-aħħar previżjonijiet<sup>2</sup> juru li s-sitwazzjoni tas-saħħa li qed titjeb, marbuta ma' żieda fir-rati tat-tilqim, u t-tħaffif kontinwu tal-miżuri ta' konteniment qed jstimolaw l-ekonomiji tal-UE, bil-PDG mistenni jikber b'4.8 % fl-2021. U filwaqt li r-ritmu tal-irkupru ser ivarja bejn l-Istati Membri, **l-Istati Membri kollha huma mistennija li jaraw id-distakk bejn il-livelli tal-produzzjoni tagħhom ta' qabel il-kriżi jinagħlaq sa tmiem l-2022**.
15. **L-impjegi mistennija jieħdu aktar żmien biex jirkupraw għal-livelli ta' qabel il-kriżi**, peress li hemm lok għal żieda fis-siġħat tax-xogħol qabel ma l-kumpaniji jerġgħu jibdedw jimpjegaw. Minbarra l-veloċità tal-irkupru ekonomiku, il-prospettiva tas-suq tax-xogħol ser tiddependi wkoll fuq iż-żmien tal-irtirar tal-appoġġ politiku u l-pass li bih il-ħaddiema jerġgħu jallokaw ruħhom fis-setturi u l-intrapriżi kollha wara l-pandemija u fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.
16. **Huwa mistenni li s-sistemi ta' protezzjoni soċjali jibqgħu taħt pressjoni fil-perijodu qasir u fit-tul**, minħabba l-kumplessità tal-isfidi u l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq dawk l-aktar vulnerabbli.

---

<sup>1</sup> Is-sehem tal-unitajiet domestiċi li jiddikjaraw li għandhom "iduru għat-tfaddil jew jiddejni biex ilaħħqu man-nefqa kurrenti".

<sup>2</sup> [Tbassir Ekonomiku tas-Sajf 2021: Niftħu mill-ġdid l-irkupru tal-fjuwils | il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

**F'dan l-isfond, għandha tiġi kkunsidrata l-gwida ta' politika li ġejja:**

17. Sabiex jerġgħu jibnu mill-kriżi u jippreparaw aħjar għal emerġenzi futuri, **I-Istati Membri għandhom ikomplu jipprijoritizzaw miżuri għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, biex jindirizzaw l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu fl-introjtu, kif ukoll biex isaħħu r-reżiljenza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali.** Ir-reazzjonijiet nazzjonali għandhom ikomplu jiffukaw fuq is-sitwazzjoni tal-persuni vulnerabbli u jinkludu mekkaniżmi biex jappoġġawhom.
18. Għandhom jiżdiedu l-isforzi biex tiġi pprovduta **protezzjoni b'saħħitha tal-introjtu minimu, marbuta mal-aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità għolja u swieq tax-xogħol inklużivi**, f'konformità mal-approċċ ta' inklużjoni attiva u bil-ħsieb tal-mira ewlenija tal-UE dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali. F'dak is-sens, l-investment fis-setturi soċjali, tal-kura fit-tul u tas-saħħa u fil-kapital uman jeħtieġ li jinżamm jew jiżdied fejn meħtieġ. Investimenti bħal dawn ikunu jappoġġaw l-irkupru u jikkontribwixxu għat-tiġid tal-istabbilizzaturi awtomatiċi, u b'hekk jagħmlu l-ekonomija u s-soċjetajiet aktar reżiljenti għal kriżijiet futuri. L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jistgħu jkunu msieħba importanti għall-awtoritajiet pubbliċi biex jitwasslu s-servizzi soċjali.
19. Il-kopertura, it-trasferibbiltà, l-adekwatezza u t-trasparenza tad-drittijiet tal-**protezzjoni soċjali** għandhom ikomplu jiġu indirizzati b'mod strutturali, anke billi jitqiesu l-miżuri temporanji meħuda bħala reazzjoni għall-kriżi. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-Protezzjoni Soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom<sup>3</sup> għandha tiġi gwida l-isforzi tal-Istati Membri. L-Istati Membri huma mħeġġa jimplimentaw b'mod effettiv il-pjanijiet nazzjonali ppreżentati reċentement fil-qafas tar-Rakkomandazzjoni. L-impatt tal-pjanijiet għandu jiġi mmonitorjat bir-reqqa.
20. Ser ikomplu jkunu meħtieġa sforzi mmirati biex jappoġġaw **tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali**, f'konformità wkoll mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Garanzija Ewropea għat-Tfal<sup>4</sup>. Azzjonijiet komprensivi biex jippromwovu opportunitajiet indaqs billi jipprovdu sett ta' servizzi ewlenin għat-tfal fil-bżonn jistgħu jikkontribwixxu biex titkisser it-tranżizzjoni tal-faqar minn ġenerazzjoni għal oħra.

<sup>3</sup> [Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, \(2019/C 387/01\)](#)

<sup>4</sup> [Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal \(\(EU\) 2021/1004\)](#)

21. Jeħtieġ li tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali ta' **persuni b'diżabilità**, f'konformità mal-*Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2021-2030*<sup>5</sup>, billi tingħata edukazzjoni aktar inklużiva, aċċess adegwat għall-kura tas-saħħa u fit-tul ta' kwalità u politiki tas-suq tax-xogħol attivi adattati għall-ħtiġijiet tagħhom.
22. Huma meħtieġa sforzi ulterjuri għall-inklużjoni soċjali tal-**migranti u r-refuġjati**, li ser tirrikjedi approċċ integrat li jgħaqqad it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet mal-opportunitajiet ta' impjieg, kif ukoll l-aċċess għas-servizzi, b'mod partikolari l-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni.
23. Huma meħtieġa wkoll miżuri strutturali biex tiġi indirizzata **l-problema ta' persuni mingħajr dar u l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni**. Miżuri bħal dawn għandhom jiprijoritizzaw approċċi integrati li jikkombinaw il-prevenzjoni, l-aċċess rapidu għal akkomodazzjoni permanenti u l-forniment ta' servizzi ta' appoġġ abilitanti. Il-bini ta' akkomodazzjoni soċjali ġdida, jew l-aċċess għall-għajjnuna għall-akkomodazzjoni, għandhom jiġu aċċellerati, jew imtejba, fejn meħtieġ. Il-pjanijiet ta' tilqim tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li jintlaħqu adegwament il-persuni fi djar ta' kenn u dawk li jinsabu mingħajr dar u mingħajr kenn. Il-potenzjal tal-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fost il-partijiet interessati differenti involuti fl-indirizzar tal-kwistjoni għandu jiġi utilizzat bis-sħiħ.
24. F'konformità mas-sejbiet tar-Rapport konġunt tal-KPS u l-Kummissjoni dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet għall-2021<sup>6</sup>, l-enfasi għandha tibqa' fuq **l-isfidi fit-tul relatati maż-żamma tal-adeqwatezza u l-finanzjament sostenibbli tal-pensjonijiet** fil-kuntest ta' soċjetà li qed tixjieħ u l-ekonomija u s-suq tax-xogħol li qed jinbidlu.
25. L-Istati Membri għandhom ikomplu jieħdu **azzjoni biex itawlu l-ħajja tax-xogħol**. L-isforzi biex jiġu aġġustati l-età pensjonabbli jew ir-rekwiżiti tal-karriera, il-benefiċċji jew ir-rati ta' akkumulazzjoni biex jirriflettu ż-żieda fl-istennija tal-għomor għandhom jiġu kkomplementati bi strateġiji ta' tixjiħ attiv u għażliet ta' xogħol flessibbli, inkluż il-possibbiltà li l-pensjonijiet jiġu kkombinati mal-introjt mix-xogħol.

---

<sup>5</sup> [Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità \(COM\(2021\) 101 final\)](#)

<sup>6</sup> [Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet 2021, imħejji b'mod konġunt mill-KPS u l-Kummissjoni Ewropea](#)

26. Huma meħtieġa sforzi sostnuti **biex titnaqqas id-diskrepanza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet**, kif ukoll biex jiġu żgurati kopertura u opportunitajiet adegwati biex jiġu akkumulati d-drittijiet għall-pensjoni għall-**ħaddiema mhux standard u għal dawk li jaħdmu għal rashom**.
27. Fil-qasam tal-**kura tas-saħħa**, it-tisħiħ tar-reżiljenza, l-effikaċja u l-aċċess għas-sistemi tas-saħħa għandhom jibqgħu l-attenzjoni primarja tal-isforzi tal-Istati Membri. Il-kriżi wriet il-valur ta' **xbieki ta' sikurezza b'saħħithom**, flimkien mal-importanza strateġika ta' **koordinazzjoni effiċjenti bejn is-sistemi soċjali u dawk tal-kura tas-saħħa** biex jingħata aċċess għal kura ta' kwalità għal kulħadd.
28. Huwa meħtieġ fokus imġedded fuq il-**prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa**, kif ukoll fuq it-tiġib tal-**għoti tal-kura primarja**. Dan jinkludi l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' **persunal mediku** mħarreġ sew u appoġġat b'mod adegwat.
29. Approċċi innovattivi fl-għoti tal-kura tas-saħħa jistgħu jikkontribwixxu biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa. Approċċ imħallat, **li jikkomplementa l-għoti fiżiku ta' servizzi b'dawk diġitali**, jista' jgħin biex jipromwovi l-aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità għal kulħadd. Fl-istess ħin, għandhom jingħataw informazzjoni u appoġġ addizzjonali lil dawk b'ħiliet diġitali limitati u aċċess limitat għall-infrastruttura diġitali, biex jiġi żgurat li ma jitħallewx lura.
30. Lil hinn mill-pandemija tal-COVID-19, u f'konformità mas-sejbiet tar-Rapport konġunt tal-KPS u tal-Kummissjoni dwar il-Kura fit-Tul għall-2021<sup>7</sup>, l-Istati Membri jeħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom b'mod sinifikanti biex jindirizzaw l-isfidi strutturali fir-rigward tal-**kura fit-tul**. B'mod partikolari, dan jinvolve l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli għal dawk kollha fil-bżonn; l-indirizzar tal-isfidi tal-forza tax-xogħol u l-appoġġ għall-persuni li jagħtu l-kura fit-tul; u t-tisħiħ tal-kosteffettività tal-kura fit-tul fi żminijiet ta' domanda dejjem tikber u forza tax-xogħol li qed tonqos, inkluż billi jsir użu tal-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni u l-iffukar fuq il-prevenzjoni.

---

<sup>7</sup> [Rapport dwar il-Kura fit-Tul 2021, imħejji b'mod konġunt mill-KPS u l-Kummissjoni Ewropea](#)

31. Il-miżuri lil hinn mill-qasam tal-politika soċjali għandu jkollhom l-għan ukoll li jtejbu s-sitwazzjoni soċjali fl-Unjoni kollha bħala prijorità. Jeħtieġ li r-riformi kollha, inkluż dawk li jindirizzaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, iqisu t-tħassib soċjali u dawk marbuta mal-impjiegi. Il-valutazzjonijiet tal-impatt distribuzzjonali jistgħu jgħinu fil-prevenzjoni ta' effetti soċjali negattivi.
32. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jkompli jiggwida l-isforzi matul il-perijodu ta' rkupru. It-tliet miri ewlenin il-ġodda tal-UE tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li ntlaqgħu tajjeb mill-mexxejja tal-UE fid-dikjarazzjoni ta' Porto<sup>8</sup> u li għandhom jinkisbu sa tmiem id-deċennju fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, għandhom jixprunaw l-implimentazzjoni tal-Pilastru fix-xhur u s-snin li ġejjin. Għal dak il-għan, l-Istati Membri huma mistiedna jstabbilixxu miri nazzjonali ambizzjużi u realistiki li huma kontribut adegwat għall-kisba tal-miri tal-UE, b'kont meħud ta' ċirkostanzi nazzjonali.
33. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu mill-fondi disponibbli taħt **l-Istrument tal-UE għall-Irkupru Next Generation EU, kif ukoll il-baġit imsaħħaħ tal-UE għall-2021–2027**. Għandhom jiġu sfruttati b'mod partikolari, is-sinerġiji bejn il-protezzjoni tal-klima u d-diġitalizzazzjoni minn naħa u l-investimenti fl-infrastruttura soċjali u l-ħiliet min-naħa l-oħra, biex b'hekk jikkontribwixxu għal tranżizzjoni ġusta. Il-fondi ser ikollhom rwol importanti fl-appoġġ għall-irkupru, billi jipprovdu finanzjament għall-programmi biex l-ekonomija terġa' tibda mill-ġdid u jitreggħa' lura l-impatt soċjali tal-pandemija.
34. Is-Semestru Ewropew ikompli jkun **għodda ta' koordinazzjoni effettiva** biex jitravmu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, il-kompetittività, l-impjiegi u l-protezzjoni soċjali adegwata u l-inklużjoni soċjali. Jibqa' importanti li jinżamm bilanċ bejn l-aġġustamenti temporanji u mmirati relatati mat-tnedija tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jiġi rispettata l-għan oriġinali tas-Semestru. F'dak il-kuntest, **għandu jinżamm ir-rwol tal-EPSCO u l-korpi konsultattivi tiegħu fil-proċess tas-Semestru** f'konformità ma' ċikli tas-Semestru tal-imgħoddi u b'applikazzjoni sħiħa tat-Trattat (l-Artikolu 148 TFUE) u l-mandati rispettivi tal-korpi konsultattivi.

---

<sup>8</sup> [Dikjarazzjoni ta' Porto \(Consilium Website, 7 ta' Mejju 2021\)](#)

35. Biex tissaħħaħ l-Ewropa Soċjali u tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi, **għandu jinżamm djalogu kostruttiv bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.**
36. **Il-Kummissjoni Ewropea hija mistiedna tqis il-gwida ta' politika ta' hawn fuq fil-ħidma ta' tħejjija tal-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2022.**
-